MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 364/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef (Joseph) Sharfid**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Josef (Joseph) Sharfid talli:

(1) fil-15 ta’ Ottubru 2005 bejn is-2.30 a.m. u t-3,00 p.m. f’tal-Pieta` kkommetta serq ta’ vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBB-889 tal-marka Peugeot li tiswa aktar minn Lm1,000 għad-detriment ta’ Mario Bartolo minn tal-Pieta`, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa;

(2) fl-istess data, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe` għamel ħsara fil-vettura tal-għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni JBB-889 liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira Maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira Maltin (Lm500) għad-dannu ta' Mario Bartolo minn tal-Pieta`;

(3) fil-15 ta' Ottubru 2005 u matul il-jiem ta' wara din id-data f'Malta xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

(4) sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistarati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(a), 280, 325, 334(a), 49 u 50 tal-Kap. 9, illiberat lill-imsemmi Josef (Joseph) Sharfid mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni, u sabitu ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' hdax-il xahar;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Josef (Joseph) Sharfid ipprezentat fid-9 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-parti fejn gie liberat kif ukoll fil-parti fejn gie misjub hati, thassarha fil-parti li tirrigwarda l-piena fuqu inflitta u tissostitwixxi l-piena karcerarja effettiva b'kull piena ohra li tkun taghmel aktar ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jghid illi huwa jammetti li hu hati ta' l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni u li sar

recidiv. Pero` jghid illi s-sitwazzjoni prospettata mil-ligi li tindahal biex tbiegh oggett li jkun gej minn reat, hija s-sitwazzjoni l-anqas gravi. L-appellant isostni illi meta xehed huwa semma l-persuna li kienet serqet il-karozza u b'hekk ta ghajnuna lill-Pulizija sabiex tkun tista' tipprocedi kontra l-halliel. L-appellant izid jghid illi huwa *drug addict* u diga` qieghed iservi piena karcerarja u qed jinzamm ghall-kura fil-*forensic unit* ta' l-Isptar Monte Carmeli. Peress illi dan il-kaz gara madwar hames snin ilu u qieghed jipprova johrog mill-vizzju tad-droga, piena karcerarja effettiva, skond l-appellant, ma tkun ta' ebda gid la ghalih u lanqas ghas-socjeta`.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Ir-reat ta' ricettazzjoni hu punibbli, jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skond il-valur tal-haga. Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 279(a) tal-Kap. 9 fejn il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). F'tali kaz il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin. Barra minn hekk, stante li l-appellant instab hati li sar recidiv, il-piena tista' tizdied bi grad biex il-parametri tal-piena ta' prigunerija jigu li huma f'dan il-kaz minn seba' xhur sa erba' snin. M'hemmx dubju ghalhekk li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hija fil-parametri tal-ligi izda sahansitra vicin il-*minimum*.

Issa, l-appellant josserva illi s-sitwazzjoni li wiehed jindahal biex ibiegh haga misruqa hija s-sitwazzjoni lanqas gravi. Pero` meta l-ligi titkellem dwar id-diversi modi ta' kif persuna tista' ssir hatja tar-reat ta' ricettazzjoni, ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn mod u

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

iehor u huma kollha punibbli bl-istess mod. ***Ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus.*** Fi kwalunkwe kaz, il-*quantum* tal-piena nflitta mill-ewwel Qorti, kif inghad, hu vicin il-*minimum*.

L-appellant jirreferi ghall-fatt illi huwa semma l-persuna li kienet serqet il-karozza in kwistjoni. Dan huwa minnu izda huwa fattur illi ttiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena. Difatti fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet li kkunsidrat “li fl-ahhar ta verzjoni ta’ x’sehh fil-fatt li hija accettabbli.”

Imbaghad il-fatt li l-appellant huwa *drug addict* ma jezimiehx mir-responsabbilta`. Dan ukoll ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti. Barra minn hekk, harsa lejn il-fedina penali aggornata tieghu turi li huwa bbenefika minn *conditional discharge* hames darbiet, tliet *probation orders* u sentenza sospiza ta’ prigunerija li giet sussegwentement konvertita fi prigunerija effettiva. Barra minn hekk gie kkundannat ghall-hlas ta’ diversi ammendi u multi u ghal mill-anqas disa’ sentenzi ta’ prigunerija. U dan kollu ghal reati li jvarjaw minn serq u ricettazzjoni ghal pussess ta’ droga u diversi tipi ta’ kontravvenzjonijiet. Mill-istess fedina penali jirrizulta, almenu *prima facie*, li l-ahhar sentenza ta’ prigunerija nghatat fl-24 ta’ Ottubru 2008 dwar serq li sar fit-23 ta’ Ottubru 2008. Jigifieri l-appellant baqa’ ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Huwa minnu li l-kaz jirrisali ghal ftit aktar minn hames snin u nofs ilu, izda hafna mid-dewmien kien dovut ghall-istess appellant. Mill-atti jirrizulta li fl-istadju tal-prosekuzzjoni l-appellant ma deherx fil-5 ta’ April 2006, instab hati ta’ disprezz, inhareg mandat ta’ arrest u gie kkundannat Lm50 ammenda. Rega’ ma deherx fl-20 ta’ Gunju 2007 u nstab hati ghal disprezz u l-kawza giet differita, izda aktar tard l-ewwel Qorti giet infurmata li l-appellant kien il-habs u kien f’dak il-mument fil-*lock-up* tal-Qorti – konsegwentement gie revokat *contrario imperio* d-digriet fejn kien instab hati ghal disprezz. Fis-7 ta’ Novembru 2007 imbaghad il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar u l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza ghall-5

ta’ Marzu 2008 izda l-appellant ma deherx u rega’ nstab hati ta’ disprezz. Minn dakinhar saru diversi seduti inutilment, il-maggor parti taghhom jew ghax ma deherx l-appellant jew ghax deher sprovvist minn difensur. L-appellant xehed fis-26 ta’ Mejju 2010, aktar minn sentejn wara d-data meta kellhom isiru l-provi tad-difiza. Stante li hafna mid-dewmien kien imputabbli biss lill-appellant stess, ma jistax issa jilmenta dwar dewmien.

Hija haga pozittiva illi l-appellant irrejalizza illi ghandu problema ta’ droga u jrid johrog minnha izda huwa fl-interess kemm tieghu innifsu kif ukoll tas-socjeta` li jiehu l-kura mehtiega waqt li jkun “contained”. Fil-fatt ir-regolamenti tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin jippermettu li min ikollu l-vizzju tad-droga jsegwi programm ta’ rijabilitazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghal dik li hi l-piena nflitta u konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------